# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-10 ta' Mejju, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 1153/2016 SM**

**Id-Direttur tal-Agenzija**
**ghall-Pagamenti Agrikoli**
**u Rurali**

**vs.**

1. **Gomriza *Maltese Agri Products Limited* (Koperativa 88),**

2. **Paul Portelli (K.I. Numru 100570M) in rapprezentanza tal-Kooperativa Gomriza *Maltese Agri Products Limited* fil-kapacita` tieghu ta' President u f'ismu proprju,**

3. **Charles Gauci (K.I. Numru 628763M) in rapprezentanza tal-Kooperativa Gomriza *Maltese Agri Products Limited* fil-kapacita` tieghu ta' Vici President u f'ismu proprju.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-21 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu d-Direttur rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi s-socjeta` intimata irceviet ghajnuna finanzjarja mill-Agenzija immexxija mid-Direttur rikorrenti ghas-snin 2008 sa l-2010 fl-ammont komplessiv ta' mitejn, tmienja u ghoxrin elf, hames mija u tlieta u sebghin euro u sebghin centezmu, (€228,573.70), (ara foll 10);

1.2. Illi sussegwentement irrizulta li kien hemm hlas zejjed ta' mija, wiehed u erbghin elf, mija u tmienja u tmenin euro u disghin centezmu, (€141,188.90);

1.3. Illi l-Kooperativa intimata kienet interpellata biex thallas lura d-debitu surreferit izda baqghet inadempjenti, (ara foll 130, 131 u 136);

1.4. IIli konsegwenza ghal tpacija fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, mija u wiehed u tmenin euro u erbgha u hamsin centezmu, (€25,181.54), li kien ikun dovut lill-Kooperativa intimata ghall-2011 izda m'inghatax, id-debitu fuq indikat naqas ghall-ammont ta' mija, sittax -il elf u seba' euro u sitta u tletin centezmu, (€116,007.36);

1.5. Illi *di piu`* ipproceda biex jissosspendi r-rikonoxximent ta' "*producer organisation*" tal-Kooperativa intimata, anke definittivament, (ara foll 132 u 134);

1.6. Illi l-imghax dovut mill-Kooperativa intimata sad-data tal-prezentata tar-rikors promotur jammonta ghal tlieta u hamsin elf, sitt mija tlieta u erbghin euro u tnejn u tletin centezmu, (€53,643.32), (ara foll 139);

1.7. Illi ghalhekk il-Kooperativa intimata ghandha debitu komplessiv versu d-Direttur rikorrenti fl-ammont ta' mija, disgha u sittin elf, sitt mija u hamsin euro u tmienja u sittin centezmu, (€169,650.68);

1.8. Illi permezz t'ittra ufficjali datata l-14 t'Ottubru, 2016, ir-rikorrenti interpella lill-istess Kooperativa intimata biex thallsu l-ammont hekk issa dovut, izda baqghet inadempjenti, (ara foll 142);

1.9. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li r-rikorrenti hu kreditur tal-intimati jew min minnhom ghall-ammont ta' €169,650.68;

1.9.2. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu l-ammont hekk dovut lir-rikorrenti, u dan fi zmien qasir u perentorju;

1.9.3. Bl-imghax mid-data tal-pagamenti surreferiti moghtija ghas-snin 2008 sa 2010 *ai termini* tal-ariklu 123 tar-regolament ta' ilmentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Numru 543/2011, u bl-ispejjez tal-procedura odjerna;

2. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-25 ta' Jannar, 2017, (ara foll 154);

4. Rat in-nota datata l-14 ta' Dicembru, 2017, li permezz taghha d-Direttur rikorrenti ceda l-kawza fir-rigward tal-intimat Paul Portelli u tal-intimat Charles Gauci, (ara foll 190);

5. Rat in-nota tal-Kooperativa intimata datata wkoll l-14 ta' Dicembru, 2017, li permezz taghha ammettiet it-talbiet indirizzati fil-konfront taghha fir-rikors promotur, (ara foll 192);

Ikkunsidrat:

6.0. Illi in vista tal-premess tqis li d-Direttur rikorrenti pprova t-talbiet indirizzati fil-konfront tal-Kooperativa intimata, u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. In vista tal-fatt li d-Direttur rikorrenti ceda l-procedura odjerna fil-konfront tal-intimati Paul Portelli u Charles Gauci, l-istess intimati huma liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

6.2. Illi in vista tal-ammissjoni tal-istess talbiet daparti tal-Kooperativa intimata:

6.2.1. Tiddikjara li d-Direttur rikorrenti hu kreditur tal-Kooperativa intimata fl-ammont ta' €169,650.68;

6.2.2. Tikkundanna lill-istess Kooperativa intimata biex thallas lill-imsemmi Direttur rikorrenti l-ammont minnha lilu dovut indikat fil-paragrafu precedenti;

6.2.3. Bl-ispejjez mid-data tal-pagamenti surriferiti moghtija mid-Direttur rikorrenti lill-Kooperattiva intimata ghas-snin 2008 sa 2010 *ai termini* tal-artiklu 123 tar-regolament ta' Implimetazzjoni tal-Kummissjoni (EU) Numru 543/2011 kontra l-Kooperativa intimata;

6.2.4. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna ukoll kontra l-Kooperativa intimata;

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**